IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 5.7.2016
COM(2016) 452 final

2016/0209 (CNS)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttiva 2011/16/UE fir-rigward tal-aċċess tal-awtoritajiet tat-taxxa għal informazzjoni dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Ir-raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha

Il-Kummissjoni Ewropea qiegħda ssegwi aġenda ambizzjuża kontra l-evażjoni u l-evitar tat-taxxa, bil-għan illi twassal tassazzjoni aktar ġusta u aktar effettiva fl-UE. Iż-żieda fit-trasparenza fiskali hija ċentrali għal din l-aġenda. Matul dawn l-aħħar snin, sar progress sinifikanti fit-titjib tat-trasparenza fiskali u fit-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tat-taxxa madwar l-UE. L-Istati Membri qablu dwar leġiżlazzjoni ġdida biex jiskambjaw b'mod awtomatiku informazzjoni dwar deċiżjonijiet tat-taxxa[1] u dwar rapporti dwar it-taxxa għal kull pajjiż ta' kumpaniji multinazzjonali[2]. F'April 2016, il-Kummissjoni pproponiet ukoll li kumpaniji multinazzjonali kbar għandhom jiżvelaw pubblikament sett speċifikat ta' data relatata mat-taxxa għal kull pajjiż. Fir-rigward tal-kontijiet tal-individwi, f'Jannar 2016 daħlet fis-seħħ leġiżlazzjoni ġdida tal-UE, skont liema l-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istati Membri jiskambjaw awtomatikament informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji miżmuma barra mill-pajjiż. Dan jgħin fil-prevenzjoni ta' ħabi ta' fondi offshore biex tiġi evitata t-taxxa.

Rivelazzjonijiet riċenti tal-midja, li esponew ħabi fuq skala kbira ta' fondi offshore, jikkonfermaw l-importanza tal-aġenda tat-trasparenza fiskali tal-UE. Dawn enfasizzaw ukoll oqsma fejn għadu meħtieġ li jittieħdu aktar miżuri biex jiġi msaħħaħ il-qafas tat-trasparenza tal-UE u internazzjonali. B'mod partikolari, sar evidenti li l-awtoritajiet tat-taxxa jeħtieġu aktar aċċess għal informazzjoni dwar is-sidien benefiċjarji ta' entitajiet intermedjarji u informazzjoni ta' diliġenza dovuta rilevanti oħra tal-konsumatur, jekk iridu jidentifikaw u jindirizzaw b'mod effettiv l-evażjoni tat-taxxa.

Id-dikjarazzjoni tal-G20 tat-18 ta' April titlob lit-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja ("FATF") u lill-Forum Globali dwar it-Trasparenza u l-Iskambju ta' Informazzjoni għal Skopijiet ta' Taxxa biex jagħmlu proposti inizjali ħalli jtejbu l-implimentazzjoni tal-istandards internazzjonali dwar it-trasparenza, inkluż dwar id-disponibbiltà ta' informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja, u l-iskambju internazzjonali tagħha.

Fid-dikjarazzjoni tagħhom tal-14 ta' April 2016, il-ħames Ministri tal-Finanzi tal-UE li attendew il-G20 iffukaw fuq il-ġieda kontra l-evażjoni tat-taxxa, l-ippjanar aggressiv tat-taxxa u l-ħasil tal-flus. B'mod partikolari, id-dikjarazzjoni enfasizzat l-importanza vitali tal-implimentazzjoni effettiva u rapida tal-Istandard Globali għall-Iskambju Awtomatiku ta' Informazzjoni dwar Kontijiet Finanzjarji fi Kwistjonijiet tat-Taxxa ("l-Istandard Globali"). Barra minn hekk, iddeskriviet l-isfidi ffaċċjati fir-rigward tad-disponibbiltà tal-informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja u enfasizzat ix-xejriet komuni fil-ħasil tal-flus, l-evażjoni tat-taxxa u l-finanzjament illeċitu.

Id-Direttiva 2014/107/UE ("id-Direttiva") li temenda d-Direttiva 2011/16/UE ("id-Direttiva dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva") ġiet adottata fl-2014 u tapplika mill-1 ta' Jannar 2016 għal 27 Stat Membru u mill-1 ta' Jannar 2017 għall-Awstrija. Din id-Direttiva timplimenta l-Istandard Globali għall-Iskambju Awtomatiku ta' Informazzjoni dwar Kontijiet Finanzjarji fi Kwistjonijiet tat-Taxxa ("l-Istandard Globali") fi ħdan l-UE. Bħala tali, din tiżgura li informazzjoni dwar Detenturi ta' Kontijiet Finanzjarji tiġi rapportata lill-Istat Membru fejn id-Detentur tal-Kontijiet ikun residenti.

---

[1] ĠU L 332, 18.12.2015, p. 1–10

[2] ĠU L 146, 3.6.2016, p. 8-21

Barra minn hekk, id-Direttiva tipprevedi li, fejn id-Detentur ta' Kont ikun struttura intermedjarja (jiġifieri Entità Mhux Finanzjarja Passiva) l-Istituzzjonijiet Finanzjarji għandhom jinvestigaw lil dik l-Entità u jidentifikaw u jirrapportaw il-Persuni ta' Kontroll tagħha (sidien benefiċjarji fit-terminoloġija kontra l-ħasil tal-flus[3]). Dak l-element importanti fl-applikazzjoni tad-Direttiva jinvolvi pass li jibbaża għalkollox fuq informazzjoni dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus ("AML") għall-identifikazzjoni tal-Persuni ta' Kontroll.

Mingħajr aċċess mill-awtoritajiet tat-taxxa għal dik l-informazzjoni dwar l-AML, l-effikaċja tal-monitoraġġ tal-Istituzzjonijiet Finanzjarji fl-applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva titnaqqas b'mod sinifikanti. Fin-nuqqas ta' dik l-informazzjoni, dawk l-awtoritajiet mhumiex se jkunu jistgħu jimmonitorjaw, jawditjaw u jikkonfermaw li l-Istituzzjonijiet Finanzjarji japplikaw id-Direttiva b'mod xieraq u jidentifikaw b'mod korrett u jirrapportaw il-Persuni ta' Kontroll ta' strutturi intermedjarji.

Għalhekk, l-objettiv ta' din l-inizjattiva huwa li jkun possibbli li l-awtoritajiet tat-taxxa jkollhom aċċess konsistenti għall-informazzjoni dwar l-AML għat-twettiq tad-dmirijiet tagħhom fil-monitoraġġ tal-applikazzjoni xierqa tad-Direttiva dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva minn Istituzzjonijiet Finanzjarji.

L-aċċess tal-amministrazzjonijiet tat-taxxa għall-informazzjoni dwar l-AML huwa konsiderevolment differenti madwar l-UE. Anke meta jingħata dan l-aċċess, l-awtoritajiet xorta waħda jiltaqgħu ta' sikwit ma' ostakoli sinifikanti li jfixklu l-effikaċja tal-ħidma tagħhom kontra l-evitar u l-evażjoni tat-taxxa. L-emendi għar-Raba' Direttiva dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus, imsemmija fit-taqsima li jmiss, huma importanti biex tittejjeb l-identifikazzjoni tal-ħasil tal-flus, il-korruzzjoni, il-finanzjament tat-terroriżmu u attivitajiet kriminali oħra. L-awtoritajiet tat-taxxa għandu jkollhom aċċess ukoll għal tali informazzjoni sabiex jimmassimizzaw il-kapaċità tagħhom li jindirizzaw l-evażjoni u l-evitar tat-taxxa. Għalhekk il-Kummissjoni qiegħda tipproponi li dan l-aċċess għandu jingħata permezz tad-Direttiva dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva, li hija l-qafas għal ħafna mill-miżuri l-oħra tat-trasparenza fiskali tal-UE.

L-iffaċilitar ta' dan l-aċċess jirrigwarda kwistjonijiet organizzattivi interni fl-Istati Membri u ma jinvolvi l-ebda rapportar jew obbligu amministrattiv ieħor min-naħa tal-partijiet ikkonċernati esterni. Kwalunkwe piż potenzjali addizzjonali minn Istituzzjonijiet Finanzjarji li jridu jippreżentaw informazzjoni dwar l-AML lill-awtoritajiet tat-taxxa matul kontrolli, rieżamijiet u awditi jkun:

(i) marbut b'mod strett mas-*superviżjoni ta' obbligi diġà eżistenti*, li l-impatt tagħhom fuq il-piż amministrattiv kien diġà ġie kkunsidrat meta dawk l-obbligi ġew stabbiliti għall-ewwel darba,

(ii) fuq bażi ta' każ b'każ skont is-sejbiet matul kontrolli, rieżamijiet u awditi, u

(iii) dejjem fil-kuntest ta' kontrolli, rieżamijiet u awditi komprensivi tat-twettiq ta' dawk l-obbligi eżistenti kollha għall-identifikazzjoni ta' persuni rapportabbli skont id-Direttiva dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva u mhux biss dik għall-identifikazzjoni ta' persuni ta' kontroll/sidien benefiċjarji

- **Konsistenza ma' dispożizzjonijiet eżistenti ta' politika fil-qasam ta' politika**

Emendi għar-Raba' Direttiva dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus (COM(2016) 450)

[3] Ref.: Taqsima VIII, punt D.5 tal-Anness I tad-Direttiva 2014/107/UE.

Fil-Pjan ta' Azzjoni tagħha għat-tisħiħ tal-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu adottat fit-2 ta' Frar 2016, il-Kummissjoni impenjat ruħha li tipproponi emendi għar-Raba' Direttiva dwar il-Ġlieda kontra l-Ħasil tal-Flus[4] ("4 AMLD") fl-ewwel nofs tal-2016 biex ikomplu jiġu msaħħa r-regoli kontra l-finanzjament tat-terroriżmu. Il-ħtieġa li jkomplu jiġu msaħħa r-regoli tal-AML sabiex jittejbu t-trasparenza u d-disponibbiltà ta' informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja wasslet ukoll lill-Kummissjoni biex tipproponi emendi għar-4 AMLD wara li vvalutat għażliet ta' politika fit-tieni parti tal-Valutazzjoni tal-Impatt ta' dawk l-emendi għar-4 AMLD.

L-emendi għar-4 AMLD jirrikonoxxu r-rabtiet bejn l-AML u l-evażjoni tat-taxxa u l-isfidi ffaċċjati fuq livell globali. Dawk l-emendi jistrieħu fuq is-sinerġiji ċari fid-diliġenza dovuta mwettqa skont ir-4 AMLD u d-diliġenza dovuta tal-konsumatur imwettqa skont id-Direttiva dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva.

Bl-istess mod, il-fatt li l-informazzjoni dwar l-AML hija identifikabbli b'mod ċar u disponibbli skont dispożizzjonijiet speċifiċi fir-4 AMLD jipprovdi opportunità għal referenza diretta għal dawk id-dispożizzjonijiet, mingħajr il-ħtieġa li Istituzzjonijiet Finanzjarji jidduplikaw din l-informazzjoni għall-finijiet tad-Direttiva dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva.

Dawn iż-żewġ proposti huma ppreżentati flimkien mal-Komunikazzjoni maħruġa fl-istess data (COM(2016)451).

2. IL-BAŻI ĠURIDIKA, IS-SUSSIDJARJETÀ U L-PROPORZJONALITÀ

• Il-bażi ġuridika

Il-proposta timmodifika d-Direttiva 2011/16/UE[5] kif emendata bid-Direttiva 2014/107/UE[6], id-Direttiva 2015/2376/UE[7] u bid-Direttiva 2016/881/UE[8] billi tintroduċi dispożizzjoni li tiffaċilita aċċess minn awtoritajiet tat-taxxa għal informazzjoni speċifika dwar l-AML għal finijiet ta' tassazzjoni.

Il-modifiki huma inklużi fl-Artikolu 1 ta' din il-proposta. B'mod partikolari:

L-Artikolu 22 tad-Direttiva 2011/16/UE huwa supplimentat bil-paragrafu 1a li jiffaċilita l-aċċess mill-awtoritajiet tat-taxxa għal miżuri ta' implimentazzjoni ta' sjieda benefiċjarja u diliġenza dovuta tal-konsumatur, dokumentazzjoni u informazzjoni fir-4 AMLD. Il-paragrafu jiżdied mal-Artikolu 22 ġenerali dwar l-obbligi speċifiċi tal-Istati Membri, aktar milli l-Artikolu 8(3a) speċifiku li jimplimenta l-iskambju awtomatiku. Dan għaliex l-iskambju

[4] Id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 73)

[5] Id-Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE tal-15 ta' Frar 2011 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni u li tħassar id-Direttiva 77/799/KEE (ĠU L 64, 11.3.2011, p. 1)

[6] Id-Direttiva tal-Kunsill 2014/107/UE tad-9 ta' Diċembru 2014 li temenda d-Direttiva 2011/16/UE fir-rigward tal-iskambju awtomatiku obbligatorju ta' informazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni (ĠU L 359, 16.12.2014, p. 1)

[7] Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/2376 tat-8 ta' Diċembru 2015 li temenda d-Direttiva 2011/16/UE fir-rigward tal-iskambju awtomatiku u obbligatorju ta' informazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni (ĠU L 332, 18.12.2015, p. 1)

[8] Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2016/881 tal-25 ta' Mejju 2016 li temenda d-Direttiva 2011/16/UE fir-rigward tal-iskambju awtomatiku u obbligatorju ta' informazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni (ĠU L 146, 3.6.2016, p. 8)

awtomatiku jiġġenera b'mod inevitabbli skambji ta' informazzjoni fuq talba u skambji spontanji fir-rigward tal-kwalità u l-kompletezza tal-informazzjoni skambjata b'mod awtomatiku. Jista' jwassal ukoll għal aktar investigazzjonijiet, pereżempju ta' kontijiet jew assi oħra li ma kinux soġġetti għall-iskambju awtomatiku. Il-poteri ta' aċċess tal-awtoritajiet tat-taxxa kienu jkunu meħtieġa fil-kuntest ta' skambji bħal dawn.

- **Is-sussidjarjetà (għal kompetenza mhux esklussiva)**

Is-suġġett ta' dawn il-modifiki jaqa' fl-istess bażi ġuridika bħad-Direttiva 2011/16/UE, jiġifieri l-Artikolu 115 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li għandu l-għan li jiżgura l-funzjonament xieraq tas-Suq Intern. L-Artikolu 115 TFUE jipprevedi l-approssimazzjoni ta' dawk il-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri li jaffettwaw direttament l-istabbiliment jew il-funzjonament tas-suq intern u għalhekk l-approssimazzjoni tal-liġijiet hija meħtieġa.

Biex jiġi żgurat il-funzjonament xieraq tas-suq intern u kundizzjonijiet ekwi f'termini tal-kapaċitajiet tal-Istati Membri li jimmonitorjaw b'mod xieraq l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva, l-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istati Membri kollha tal-UE għandhom ikunu intitolati għas-setgħat ta' aċċess meħtieġa.

- **Il-proporzjonalità**

Il-problemi identifikati fir-rivelazzjonijiet riċenti enfasizzaw il-fatt li dawk l-evażuri tat-taxxa u l-faċilitaturi tagħhom dejjem jimmiraw ir-reġimi tat-trasparenza l-aktar dgħajfa u jisfruttaw vulnerabbiltajiet fl-applikazzjoni tagħhom. Sabiex jiġi żgurat it-tnaqqis ta' dawn l-opportunitajiet u biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fost l-Istati Membri, huwa meħtieġ sett komuni ta' regoli li jgħin lill-awtoritajiet tat-taxxa jwettqu l-obbligi ta' monitoraġġ tagħhom.

Għaldaqstant, il-proposta tirrappreżenta t-tweġiba l-aktar proporzjonata għall-problema identifikata. L-emendi proposti ma jmorrux bħala konsegwenza lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet involuti u, b'dak il-mod, jintlaħqu l-objettivi tat-Trattat ta' funzjonament xieraq u effettiv ta' Suq Intern.

Din il-proposta tikkonforma mal-prinċipji ta' proporzjonalità kif stabbiliti fl-Artikolu 5(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

- **L-għażla tal-istrument**

Is-setgħat ta' monitoraġġ huma relatati direttament mad-Direttiva dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva. Għalhekk, id-dispożizzjonijiet li jiffaċilitaw dawk is-setgħat ta' monitoraġġ għandhom jiffurmaw parti minn dik l-istess Direttiva.

3. IR-RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET TAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Il-konsultazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati**

L-emendi jistgħu jinvolvu biss arranġamenti organizzazzjonali interni fl-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri u ma jirrigwardawx partijiet ikkonċernati esterni.

- **L-Istati Membri**

Fid-dikjarazzjoni tagħhom tal-14 ta' April 2016, ħames Stati Membri ddeskrivew l-importanza tal-implimentazzjoni effettiva u rapida tal-Istandard Globali, li huwa implimentat mid-Direttiva, u l-isfidi relatati tal-AML. Issa, l-Istati Membri l-oħra kollha ngħaqdu f'din id-dikjarazzjoni.

- **Il-valutazzjoni tal-impatt**

Il-Valutazzjoni tal-Impatt għat-tibdil tar-4 AMLD tinkludi analiżi estensiva fit-Taqsima "5.4 Ċerti awtoritajiet pubbliċi għandhom nuqqas ta' informazzjoni" u l-għażla preferuta kif ippreżentata lill-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju hija "Kjarifika rigward aċċess minn awtoritajiet tat-taxxa".

Kif spjegat hawn fuq, filwaqt li l-emendi għar-Raba' Direttiva dwar il-Ġlieda kontra l-Ħasil tal-Flus huma importanti mill-perspettiva tal-fatt li l-ħidma tal-awtoritajiet tat-taxxa hija ewlenija fl-identifikazzjoni u r-rapportar ta' reati serji suspettati oħra bħall-korruzzjoni, il-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, l-aċċess minn awtoritajiet tat-taxxa għal informazzjoni għall-finijiet tagħhom stess kif stipulat mid-dritt tal-Unjoni u dak nazzjonali, u b'mod partikolari għall-finijiet tad-Direttiva dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva u l-applikazzjoni xierqa tagħha, għandu jiġi rregolat f'direttiva dwar it-taxxa.

- **Id-drittijiet fundamentali**

L-Artikolu 6(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jiddikjara li l-Unjoni tirrikonoxxi d-drittijiet, il-libertajiet u l-prinċipji stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

L-impatt taż-żieda fl-aċċess għal informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja u l-proċeduri sottostanti ta' diliġenza dovuta tal-konsumaturġie analizzat mill-perspettiva tal-iżgurar tal-osservanza tal-Artikolu 7 (ir-rispett għall-ħajja privata u tal-familja) u l-Artikolu 8 (il-protezzjoni tad-data personali) tal-Karta. Fl-isfond li l-miżuri l-ġodda jindirizzaw id-data personali, il-provvediment ta' aċċess huwa l-uniku mod kif l-awtoritajiet tat-taxxa jistgħu jikkonfermaw mhux biss l-informazzjoni li qed tiġi rrapportata lilhom iżda anke li l-persuna li qed tiġi ntaxxata hija s-sid benefiċjarju reali, u jiġu provduti wkoll b'għodod strateġiċi għall-ġlieda kontra l-frodi u l-evażjoni tat-taxxa.

Barra minn hekk, l-amministrazzjonijiet tat-taxxa diġà huma koperti minn rekwiżiti ta' segretezza. L-informazzjoni miksuba matul it-twettiq tad-dmirijiet tagħhom taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dawk ir-rekwiżiti ta' segretezza u tkun soġġetta għas-salvagwardji meħtieġa. L-Artikolu 25 tad-Direttiva dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva jirreferi għar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data applikabbli rigward il-kooperazzjoni amministrattiva fost l-awtoritajiet tat-taxxa u dwar il-ġbir u l-użu tad-data miġbura minn entitajiet obbligati.

Għal dan il-għan, filwaqt li l-miżuri proposti jinterferixxu potenzjalment mad-drittijiet fundamentali għall-ħajja privata inkluża l-kunfidenzjalità ta' komunikazzjonijiet kif ukoll il-protezzjoni tal-privatezza u tad-data personali, huma neċessarji u proporzjonati għall-iżgurar tal-funzjonament xieraq tas-sistemi tat-taxxa u s-superviżjoni tat-twettiq xieraq tal-obbligi tal-atturi kollha.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Ma hemm l-ebda implikazzjoni baġitarja għall-baġit tal-UE.

2016/0209 (CNS)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttiva 2011/16/UE fir-rigward tal-aċċess tal-awtoritajiet tat-taxxa għal informazzjoni dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari l-Artikolu 113 u l-Artikolu 115 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew[9],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[10],

Filwaqt li jaġixxi skont proċedura leġiżlattiva speċjali,

Billi:

(1) Id-Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE[11] kif emendata bid-Direttiva 2014/107/UE[12] tapplika mill-1 ta' Jannar 2016 għal 27 Stat Membru u mill-1 ta' Jannar 2017 għall-Awstrija. Din id-Direttiva timplimenta l-Istandard Globali għall-Iskambju Awtomatiku ta' Informazzjoni dwar Kontijiet Finanzjarji fi Kwistjonijiet tat-Taxxa ("l-Istandard Globali" fl-Unjoni. Bħala tali, tiżgura li informazzjoni dwar Detenturi ta' Kontijiet Finanzjarji tiġi rapportata lill-Istat Membru fejn id-Detentur tal-Kontijiet ikun residenti.

(2) Barra minn hekk, id-Direttiva 2011/16/UE tistipula li, fejn id-Detentur ta' Kont ikun struttura intermedjarja, l-Istituzzjonijiet Finanzjarji għandhom jinvestigaw lil dik l-istruttura, u jidentifikaw u jirrapportaw is-sidien benefiċjarji tagħha. Dak l-element importanti fl-applikazzjoni tad-Direttiva jibbaża fuq informazzjoni dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus ("AML") miksuba skont id-Direttiva 2015/849/EU tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[13] għall-identifikazzjoni tas-sidien benefiċjarji.

---

9 ĠU C , , p. .

10 ĠU C , , p. .

11 Id-Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE tal-15 ta' Frar 2011 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni u li tħassar id-Direttiva 77/799/KEE (ĠU L 64, 11.3.2011, p. 1).

12 Id-Direttiva tal-Kunsill 2014/107/UE tad-9 ta' Diċembru 2014 li temenda d-Direttiva 2011/16/UE fir-rigward tal-iskambju awtomatiku obbligatorju ta' informazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni (ĠU L 359, 16.12.2014, p. 1).

13 Id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 73).

(3) Biex jiżguraw monitoraġġ effettiv tal-applikazzjoni minn Istituzzjonijiet Finanzjarji tal-proċeduri ta' diliġenza dovuta stabbiliti fid-Direttiva 2011/16/UE, l-awtoritajiet tat-taxxa jeħtieġu aċċess għall-informazzjoni dwar l-AML. Fl-assenza ta' dan l-aċċess, dawk l-awtoritajiet ma jkunux jistgħu jimmonitorjaw, jikkonfermaw u jawditjaw li l-Istituzzjonijiet Finanzjarji japplikaw id-Direttiva 2011/16/UE b'mod xieraq billi jidentifikaw b'mod korrett u jirrapportaw is-sidien benefiċjarji ta' strutturi intermedjarji.

(4) Huwa għalhekk meħtieġ li jiġi żgurat l-aċċess mill-awtoritajiet tat-taxxa għall-informazzjoni, proċeduri, dokumenti u mekkaniżmi dwar l-AML għat-twettiq tad-dmirijiet tagħhom fil-monitoraġġ tal-applikazzjoni xierqa tad-Direttiva 2011/16/UE.

(5) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Fejn din id-Direttiva tirrikjedi li l-aċċess għad-data personali minn awtoritajiet tat-taxxa jiġi provdut bil-liġi, dan mhux neċessarjament jirrikjedi att adottat mill-parlament, mingħajr preġudizzju għall-ordni kostituzzjonali tal-Istat Membru kkonċernat. Madankollu, tali liġi għandha tkun ċara u preċiża u l-applikazzjoni tagħha għandha tkun ċara u prevedibbli għal persuni soġġetti għaliha, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

(6) Ladarba l-objettiv ta' din id-Direttiva, jiġifieri l-kooperazzjoni amministrattiva effiċjenti bejn l-Istati Membri u l-monitoraġġ effettiv tagħha skont kundizzjonijiet kompatibbli mal-funzjonament xieraq tas-suq intern, ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jista' għalhekk, minħabba fl-uniformità u l-effikaċja meħtieġa, jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-objettiv.

(7) Id-diliġenza dovuta tal-konsumatur imwettqa minn Istituzzjonijiet Finanzjarji skont id-Direttiva 2011/16/UE diġà bdiet u l-ewwel skambji tagħha għandhom jiġu finalizzati sa Settembru 2017. Għalhekk, sabiex jiġi żgurat li ma jkunx hemm dewmien fil-monitoraġġ effettiv tal-applikazzjoni, din id-Direttiva Emendatorja għandha tidħol fis-seħħ u tiġi trasposta sal-1 ta' Jannar 2017.

(8) Id-Direttiva 2011/16/UE għandha għalhekk tiġi emendata kif mistħoqq.

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA

Artikolu 1

Fl-Artikolu 22 tad-Direttiva 2011/16/UE, jiddaħħal il-paragrafu 1a li ġej:

"(1a) Għall-finijiet tal-implimentazzjoni u l-infurzar tal-liġijiet tal-Istati Membri li jagħtu effett lil din id-Direttiva, u sabiex jiġi żgurat il-funzjonament tal-kooperazzjoni amministrattiva li din tistabbilixxi, l-Istati Membri għandhom jipprevedu bil-liġi l-aċċess minn awtoritajiet tat-taxxa għall-mekkaniżmi, il-proċeduri, id-dokumenti u l-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 13, 30, 31, 32a u 40 tad-Direttiva 2015/849/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*.

---

* Id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 73).".

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2016, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

   Għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' Jannar 2017.

   Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn referenza bħal din fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir referenza bħal din.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Strasburgu,

Għall-Kunsill
Il-President